



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-1 ta' April 2019

Irid isir titjib fil-ħżin tal-enerġija biex l-UE tkun tista' tilħaq l-għanijiet tagħha għall-enerġija u l-klima, jgħidu l-Awdituri

Skont dokument informattiv u analitiku ġdid maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, irid isir titjib fil-ħżin tal-enerġija biex l-UE tkun tista' tilħaq il-miri tagħha għall-enerġija u l-oġettivi tagħha f'dak li jirrigwarda l-klima. L-awdituri jidentifikaw serje ta' sfidi għat-teknoloġiji għall-ħżin tal-enerġija fl-UE, kemm fil-grilja kif ukoll fit-trasport. Huma jwissu li l-kapaċità ta' manifattura tal-batteriji fl-UE għadha lura meta mqabbla ma' dik tal-kompetituri internazzjonali u tista' ma tilħaqx il-mira għall-2025 stabbilita mill-Alleanza Ewropea tal-Batteriji.

Il-ħżin tal-enerġija jista' jgħin fil-kisba tal-għanijiet tal-UE għall-klima u l-enerġija. It-teknoloġiji għall-ħżin tal-enerġija jipprovdu rispons flessibbli għall-iżbilanċi kkawżati minn sehem akbar ta' sorsi varjabbli tal-enerġija rinnovabbli, bħall-enerġija solari u l-enerġija eolika, fil-grilja elettrika. Il-fjuwils li jiġu prodotti minn sorsi rinnovabbli, bħall-elettriku rinnovabbli jew l-idroġenu, jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mit-trasport; it-titjib fit-teknoloġija għall-ħżin tal-enerġija jista' jappoġġa l-espansjoni tal-flotta ta' vetturi li jużaw dan it-tip ta' fjuwil.

Id-dokument informattiv u analitiku jiddeskrivi l-isfidi prinċipali għall-appoġġ mogħti mill-UE għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji għall-ħżin tal-enerġija li, skont l-awdituri, huma ta' tliet tipi: it-tfassil ta' strateġija tal-UE għall-ħżin tal-enerġija, l-użu effettiv tar-riċerka u l-innovazzjoni, u l-istabbiliment ta' qafas leġislativ favorevoli.

"Il-ħżin tal-enerġija se jkollu rwol fundamentali biex fl-UE tinkiseb sistema tal-enerġija li tkun essenzjalment ibbażata fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju," qal Phil Wynn Owen, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għad-dokument informattiv u analitiku. "L-UE ħadet passi biex tiżviluppa qafas strateġiku għall-ħżin tal-enerġija, iżda hemm ir-riskju li l-miżuri li ttieħdu sa issa mhumiex se jkun biżżejjed biex jinkisbu l-oġettivi strateġiċi tal-UE għall-enerġija nadifa".

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tad-dokument informattiv u analitiku maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Id-dokument sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors

eca.europa.eu

L-awdituri jwissu li huwa possibbli li l-istrateġija attwali tal-UE ma jirnexxlihiex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Huma jgħidu li l-UE qed tiżviluppa l-kapaċità tagħha ta' manifattura ta' batteriji tal-jon tal-litju (li jintużaw f'vetturi elettriċi) aktar tard minn reġjuni ewlenin oħra fid-dinja. Billi l-UE mhux se tkun l-ewwel waħda li tidħol fis-suq tal-produzzjoni tal-batteriji, tista' ssibha diffiċli biex tikseb vantaġġ kompetittiv.

Fl-istess ħin, l-Alleanza Ewropea tal-Batteriji – stabbilita bl-għan li toħloq manifattura tal-batteriji kompetittiva u sostenibbli fl-Ewropa – hija aktar iffukata fuq it-teknoloġiji eżistenti milli fuq dawk rivoluzzjonarji, u qed tirriskja li ma tilħaqx l-objettivi ambizzjużi tagħha.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni, u ħadet passi biex tissimplifika l-programm prinċipali ta' riċerka tal-UE, Orizzont 2020, jgħidu l-awdituri. Bejn l-2014 u tmien l-2018, hija tat EUR 1.3 biljun mill-programm għal proġetti relatati mal-ħżin tal-enerġija fuq il-grilja jew mal-mobbiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Madankollu, hemm ir-riskju li l-UE ma appoġġatx biżżejjed l-adozzjoni fis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-ħżin tal-enerġija. Barra minn hekk, l-awdituri josservaw li hemm lok biex tkompli titnaqqas il-kumplessità tal-finanzjament li jingħata mill-UE għar-riċerka u biex tiżdied il-parteċipazzjoni ta' kumpaniji innovattivi.

L-investituri f'soluzzjonijiet għall-ħżin tal-enerġija fuq il-grilja elettrika għadhom sa issa jiffaċċjaw diversi ostakli, iżda l-leġiżlazzjoni l-għdida mistennija li tgħin sabiex jingħelbu l-biċċa l-kbira dawn il-problemi, jgħidu l-awdituri. Madankollu, f'dak li jirrigwarda l-mobbiltà elettrika, huma jwissu li l-implimentazzjoni tardiva u inkonsistenti tal-infrastruttura tal-iċċarġjar tista' tirriżulta f'dewmien fl-użu ġenerali ta' vetturi elettriċi.

L-awditu identifika dawn l-isfidi prinċipali li ġejjin f'dak li jirrigwarda l-appoġġ mogħti mill-UE għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji għall-ħżin tal-enerġija:

- tiġi żgurata strateġija koerenti;
- jiżdied l-appoġġ li jingħata mill-partijiet ikkonċernati;
- titnaqqas il-kumplessità tal-finanzjament li jingħata mill-UE għar-riċerka;
- jingħata appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji għall-ħżin tal-enerġija;
- jiġu implimentati teknoloġiji għall-ħżin tal-enerġija;
- jitneħħew l-ostakli li l-investituri qed jiffaċċjaw; u
- jiġu żviluppati infrastrutturi għal fjuwils alternattivi.

Noti lill-Edituri

L-awdituri eżaminaw l-appoġġ mogħti mill-UE għall-ħżin tal-elettriku, sew għall-grilja kif ukoll għall-vetturi, u għall-produzzjoni tal-gass sintetiku. Il-ħżin ta' fjuwils fossili ma ġiex kopert mill-analiżi. Id-dokument jieħu kont tal-iżviluppi li saru fis-settur tal-ħżin tal-enerġija fl-UE sa tmien Jannar 2019.

Dokument Informattiv u Analitiku huwa dokument li jiddeskrivi u janalizza qasam ta' politika. Huwa ma jinkludix sejbiet tal-awditjar.

Id-dokument informattiv u analitiku tal-QEA intitolat: "Appoġġ tal-UE għall-ħżin tal-enerġija" attwalment huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż; lingwi oħra se jżiedu f'qasir żmien.